MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2004

Numru 427/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond D'Anastasi)**

**vs**

**Mario Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Mario Farrugia ta' 37 sena bin il-mejjet John u Maria nee' Sapiano imwieled Pieta fit-18 ta' April 1965 u residenti 40, Triq San Mikiel, Bormla, karta ta' identita' numru 203165(m), akkuzat talli f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda:

1. fid-9 ta' Mejju 2002 ghal habta tas-siegha ta' wara nofsinhar f'Haz Zebbug ikkometta serq ta' basket minn go

vettura numru JAI 936 tal-marka Peugeot liema serq huwa aggravat bil-mezz, ammont u xorta tal-haga misruqa liema serq sar ghad-dannu ta' Margaret Abela mill-Iklin;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, fuq vettura numru JAI 936 ghad-dannu ta' Margaret Abela liema hsara hija izjed minn hamsin lira Maltin pero ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin;

3. fit-30 ta' Mejju 2002 ghal habta tas-siegha ta' wara nofsinhar f'Haz Zebbug ikkommetta serq ta' zewgt basktijiet minn go vettura numru AAR 597 tal-marka Toyota liema serq huwa aggravat bil-mezz, ammont u xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta' John u Connie Cassar;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, fuq vettura numru AAR 597 ghad-dannu ta' John u Connie Cassar liema hsara hija izjed minn hamsin lira Maltin pero ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin;

5. fit-30 ta' Mejju 2002 u/jew fi zminijiet ta' qabel din id-data xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

6. sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u tal-Appell liema sentenzi saru definittivi;

7. kiser il-kundizzjoni tal-Artikolu 5 tal-Kap 152 imposta fuqu b'sentenza tas-6 ta' Frar, 2001 (Magistrat Noel Cuschieri LL.D.);

8. fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' 18 il-xahar sospiza ghal tlett snin moghtija fis-16 ta' Novembru 2000 (Mag. Dr. J. Padovani LL.D.) u l-ohra ghal 18-il xahar sospizi

ghal erba snin moghtija fl-24 ta' Frar 2000 (Mag. Dr. J. Padovani LL.D.) ikkommetta reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet l-imputat jammetti l-akkuzi fl-udjenza tal-4 ta' Dicembru 2003 fl-liema ammissjoni huwa baqa jinsisti;

Ikkonsidrat:

Illi l-istqarrija tal-imputat hi xhieda inekwivokabbli taz-zewg akkuzi ta' serq dedotti kontra tieghu u l-hsara konsegwenzjali kkawzata. Kwindi l-ewwel erba akkuzi jinsabu pruvati. Mhux ukoll pero' l-hames li hi in alternattiva ghalihom. Dwar is-sitt akkuza li titratta r-recidiva din wkoll tinsab pruvata bl-ammissjoni tal-imputat stess. M'ghandux l-imputat pero' jinstab ukoll hati tas-seba u t-tmien akkuza stante d-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur li kemm fir-rigward il-ksur tal-Artikolu 5 tal-Kap 152 (allura vigenti) u kemm fir-rigward is-sentenzi sospizi imposti b'sentenzi tas-16 ta' Jannar u l-24 ta' Frar 2000 huma gja ttiehdu in konsiderazzjoni f' xi sentenza ta' din il-qorti, diversament preseduta. Din il-qorti qeghdha ghaldaqstant tifhem li hemm rinunzja da parti tal-prosekuzzjoni ghall-ahhar zewg akkuzi.

Dwar il-piena din il-qorti hi tal-fehma li ghandha, tenut kont tal-fedina penali tal-imputat, timponi sentenza karcerarja li tirrifletti pero' l-ammissjoni tieghu fl-ewwel stadji ta' dawn il-proceduri u sostnuta fl-iter kollu tal-proceduri.

Ghalhekk u wara li rat l-Artikoli 261(b)(c)(g), 263, 264(1), 267, 271(g), 278(3), 279(1), 280(2), 325(b), 49, 50, 17(h), 31 u 18 tal-Kap 9 tikkundannah sena prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------